KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier (daħal fis-seduta fis-17:50) |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Desiree Attard | Avukat tal-Kunsill (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 32.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**32.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba x-xogħol professjonali tiegħu. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 32.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 31)

**32.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 31.

**32.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 31 ġew approvati unanimament.

## 32.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**32.03.01** *Fustun ta' Wied il-Buni u San Ġorġ*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal fustun komplut bil-bozoz għal Wied il-Buni u l-aħħar ftit ta' San Ġorġ. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €563. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**32.03.02** *Preżentazzjoni Jum Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 2 kwotazzjonijiet għall-kitba tal-iskript ta' Jum Birżebbuġa, kif ukoll għall-preżentazzjoni tal-attività. L-ammont kwotat minn preżentatur A huwa ta €350, u ta' preżentatur B huwa ta €250. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-kwotazzjonijiet.

**32.03.03** *Skyline Webcam Livestream*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal Skyline Webcam, hekk kif maqbul fl-aħħar seduta. Dawn se jkunu qegħdin jagħtu għal fuq is-slipway ta' San Ġorġ. Il-kwotazzjoni tammonta għal €590. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**32.03.04** *Jum Birżebbuġa 2026 – Loġistika*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal-loġistika tal-attività ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €4,484. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**32.03.05** *Jum Birżebbuġa 2026 – Dawl u Staging*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-armar, dwal u stage tal-attività ta' Jum Birżebbuġa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €5,015. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**32.03.06** *Festa 2026 - LESA*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għall-uffiċjali tal-LESA waqt il-festa. Il-Kunsillier Karel Zahra rrimarka li l-prezz żdied mis-sena l-oħra 'l hawn, u s-Sindku Scott Camilleri semma li din is-sena żdied uffiċjal fil-parti rurali, fejn qabel dan qatt ma kien hemm. Il-kwotazzjoni tammonta għal €13,340.52. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 32.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**32.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li, għat-tieni darba, reġa' nħareġ it-tender għax-xiri ta' vettura, iżda ma ġiet sottomessa l-ebda offerta. Għaldaqstant, il-

Kunsill jista' jipproċedi skont il-kriterji stabbiliti u mmorru għall-akkwist ta' direct order, skont l-istess speċifikazzjonijiet stabbiliti fit-tender.

**32.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li wara diskussjonijiet mal-Water Services Corporation u mal-kuntrattur, dwar il-kwistjoni tal-line markings fil-Bajja s-Sabiħa, ġie deċiż li ċerti xogħlijiet żgħar se jitwettqu mill-Kunsill. Barra minn hekk, intalbet kjarifikazzjoni mingħand is-CRPD, filwaqt li l-bankina se tiġi rranġata sabiex tkun f'livell adegwat u ma toħloq l-ebda periklu għall-pubbliku.

**32.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward it-traffic management tal-festa, fejn ġie nnutat li kien hemm bżonn ta' ammont ta' tabelli ġodda biex jiġi ffaċilitat id-dħul u l-ħruġ fir-raħal. Dawn it-tabelli se jinżammu fil-garaxx f'Tal-Papa u se jintużaw biss għal żmien il-festa.

**32.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet ta' skavar fil-ġnien fi Triq Santa Katarina għandhom jitlestew qabel ma terġa' tibda l-iskola, sabiex jiġi evitat l-istorbju matul il-ħinijiet tal-iskola.

**32.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill dwar ċerti sfidi li qed jinqalgħu fir-rigward tal-proċeduri tal-procurement. Huwa spjega li, skont deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill Lokali, xiri sa valur ta' €400 jista' jiġi approvat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni, il-kunsilliera kollha preżenti qablu li fil-każ ta' xiri b'valur sa massimu ta' €2,500, il-kunsilliera jiġu infurmati dwar l-oġġett jew is-servizz li jkun se jiġi akkwistat mingħajr ma jkun meħtieġ li tintalab l-approvazzjoni tagħhom għal kull xiri individwali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-Kunsill li, fl-interess tat-trasparenza u sabiex il-kunsilliera jinżammu aġġornati, se jkun qed jibgħat kull xahar lista tal-purchase orders (POs) kollha li jkunu nħarġu mill-Kunsill.

**32.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li rċieva talba li hemm bżonn li jinxtraw covers għall-arbli tal-festa minħabba t-toqob il-ġodda fil-pjazza. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan ix-xiri.

## 32.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**32.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-bankina fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, peress li deher li ma kien hemm l-ebda żvilupp mill-aħħar seduta. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din il-kwistjoni kien tkellem fuqha aktar kmieni matul is-seduta.

**32.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-disinn tal-linji fi Triq Tal-Ġebel hekk kif dan inbidel minn kif kien qabel seħħew ix-xogħlijiet. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jmorru on-site hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana sabiex jerġgħu jaraw u jiddeċiedu minn hemm.

## 32.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**32.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Ġunju 2026.

**32.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsill dwar il-qualification allowance ta' membru tal-istaff tal-Kunsill u rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet fl-amministrazzjoni preċedenti dwar dan is-suġġett skont il-linja gwida ta' dakinhar. Is-Sindku Scott Camilleri ressaq proposta sabiex il-qualification allowance tal-impjegat tiġi allinjata u mogħtija skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u approvaha b'mod unanimu.

## 32.07 Korrispondenza

**32.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li waslet talba mingħand il-Klabb tal-Boċċi ta' Birżebbuġa sabiex isir użu mill-ispazju biswit il-klabb għall-organizzazzjoni ta' tombla tradizzjonali matul ix-xhur tas-sajf; minn Lulju sal-aħħar ta' Settembru. Il-kunsilliera preżenti qablu mat-talba, bil-kundizzjoni li jinżamm aċċess għall-pubbliku, il-post jinżamm nadif, u li l-użu tas-sound ikun b'mod prudenti u jieqaf sal-23:00.

**32.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li, flimkien mal-librar Joe Debattista, se jiġi organizzat konkors ta' poeżiji dwar ir-raħal. Ġie maqbul li jiġi allokat baġit ta' €300 f'kotba għar-rebbieħa ta' dan il-konkors, filwaqt li l-poeżiji għandhom jiġu sottomessi sal-20 ta' Awwissu 2026. Ġie deċiż ukoll li tinħareġ informazzjoni fuq il-midja soċjali bir-regoli tal-konkors.

**32.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar jiem kellu komunikat rigward l-organizzazzjoni tal-ġostra f'Birżebbuġa. Wara diskussjoni mal-kunsilliera preżenti, ġie maqbul li jiġi allokat baġit ta' €3,500 għal din l-attività, li se ssir fil-11 ta' Settembru wara s-18:00. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsillier Ivan Abela Grech jiltaqa' mal-organizzaturi sabiex tiġi kordinata l-attività.

**32.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li waslet talba sabiex jiġu installati bollards fl-unloading bay ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa biswit Birżebbuġa Aquatic Sports Club, biex jiġi evitat parkeġġ mhux awtorizzat. Il-kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li kollox isir skont ir-rekwiżiti ta' Transport Malta. Il-klabb irid ikun responsabbli mill-bollards, u li l-Kunsill jingħata kopja taċ-ċwievet kif applikabbli.

## 32.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**32.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

## 32.09 Kuntrattur tal-ġonna u open spaces

*Hawnhekk ingħaqdet l-avukat tal-kunsill Dr Desiree Attard.*

**32.09.01** L-avukat tal-Kunsill Dr Desiree Attard tat spjegazzjoni lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni relatata mal-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-ġonna u l-open spaces, kif ukoll dwar il-passi legali u amministrattivi li jistgħu jittieħdu. Il-contracts manager tal-Kunsill Dr Alessia Psaila Zammit preżentat timeline dettaljata tal-andament tal-kuntratt, li jkopri l-perjodu minn meta beda l-kuntratt sal-istadju preżenti, filwaqt li enfasizzat id-diversi nuqqasijiet u l-miżuri li ttieħdu mill-Kunsill matul il-perjodu tal-kuntratt.

**32.09.02** Wara diskussjoni estensiva u wara li ġew ikkunsidrati l-fatti u l-pariri legali preżentati, il-kunsilliera kollha preżenti qablu b'vot unanimu sabiex jinbeda l-proċess għat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-manutenzjoni tal-ġonna u l-open spaces fid-dawl tan-nuqqasijiet ripetuti tal-kuntrattur milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

## 32.10 Public Conveniences

**32.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-public conveniences u l-Memorandum of Understanding fis-seħħ mal-Cleansing and Maintenance Division. Huwa spjega li minħabba nuqqas ta' riżorsi min-naħa tas-CMD, il-Kunsill Lokali qed jaffaċċja diffikultajiet sabiex il-public convenience ta' San Ġorġ tinfetaħ u tingħata s-servizz kif suppost. Sabiex jiġi żgurat li dan is-servizz essenzjali jibqa' jingħata lir-residenti u lill-pubbliku, il-Kunsill, bħala miżura temporanja, ingaġġa handyman biex jiftaħ u jagħlaq il-faċilità kif ukoll iwettaq tindif bażiku darba kuljum. Ġie propost li sakemm is-CMD terġa' tibda tipprovdi s-servizz skont l-MoU fis-seħħ, il-Kunsill Lokali japplika għall-approvazzjoni meħtieġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikun jista' joħroġ direct order għall-ingaġġ ta' kuntrattur li jipprovdi dan is-servizz.

**32.10.02** Il-kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament li din is-sistema temporanja tibqa' fis-seħħ sakemm tingħata l-approvazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-għoti ta' direct order.

## 32.11 Ingaġġ ta' uffiċjal klerikali

**32.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2026, saru l-intervisti għas-sejħa għall-ingaġġ ta' uffiċjal klerikali fi skala 16. Saru għaxar intervisti, li minnhom intgħażlu żewġ kandidati li ġabu iżjed mill-passmark għat-tieni intervista. Din se ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026.

## 32.12 Jum Birżebbuġa

**32.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni dwar il-programm marbut ma' Jum Birżebbuġa, li se ssir nhar l-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2026. Hu rrimarka li s'issa kollox miexi kif inhu maħsub u l-uniċi kwotazzjonijiet li għadhom pendenti huma dawk relatati mal-fotografija, il-vidjografija u r-rikonoxximenti.

## 32.13 Attivitajiet u skemi

**32.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lill-Kunsill li bħalissa m'hemm l-ebda skema x'napplikaw min-naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Madankollu, f'Settembru se tiġi organizzata l-attività Gozo by Night mill-Kunsill Lokali.

## 32.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**32.14.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**32.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.
Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**32.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**32.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |